*Opinjoni tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent*

**Pajjiżna ma jiflaħx aktar għal żvilupp li mhux sostenibbli**

Minn żmien għal żmien, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) toffri l-opinjoni tagħha dwar kwistjonijiet ambjentali li jkunu qed iseħħu madwarna. L-iskop ta' dawn l-opinjonijiet minn dejjem kien li jiġġeneraw diskussjoni u riflessjoni pubblika li jistgħu jinfurmaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu. F'din l-opinjoni l-KA sejra tkompli fejn ħalliet fl-opinjoni li kienet ħarġet fl-2007[1] dwar il-bżonn li nindukraw ir-riżorsi limitati ta' pajjiżna. Missirijietna immaniġġaw lill-gżejjer tagħna b'mod li, filwaqt li użaw l-art, il-ġebla, l-ilma, il-baħar u l-ħlejjaq ta' madwarhom biex setgħu jgħixu aħjar, irnexxielhom iħallulna biżżejjed sabiex aħna ngawdu kwalità tajba tal-ħajja. Tgħid il-ġenerazzjonijiet ta' Maltin futuri ser ikunu jistgħu jgħidu l-istess dwarna?

## L-iżvilupp sostenibbli: għażla jew neċessità?

Il-qagħda strateġika tagħha fil-Mediterran, flimkien mad-daqs, l-ambjent delikat u d-densità tal-popolazzjoni tagħha, jagħmlu lil Malta dak li hi, bl-opportunitajiet u l-limitazzjonijiet tagħha. L-ambizzjonijiet u l-ħolm tagħna huma – irridu u ma rridux – iddettati minn dawn il-kwalitajiet. L-abbiltà tagħna, bħala poplu, għandha tidher fil-mod għaqli li bih nagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi tagħna sabiex niżguraw kwalità tajba ta' ħajja għalina u għal dawk li ġejjin warajna. Sfortunatament, matul is-snin addottajna stili ta' ħajja u modi ta' ħsieb dwar kif (mingħalina) niżviluppaw lil pajjiżna, li kellhom impatt negattiv qawwi fuq il-kwalità ta' ħajjitna.

Fost dawn l-impatti hemm: it-tniġġis tal-arja, tal-baħar, tal-ilma u tal-art; l-ammont esaġerat ta' vetturi fit-toroq; il-volum dejjem jikber ta' skart; id-dipendenza kważi assoluta fuq il-*fossil fuels*; il-kwantità u l-kwalità dejjem nieżla tal-ilma tal-pjan; l-ammont dejjem jiżdied ta' proprjetajiet vakanti; u l-konsum eċċessiv ta' ikel. Dawn ilkoll qed inawru l-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna billi jipperikolaw is-saħħa fiżika, psikoloġika u soċjali tal-Maltin. Li ngħixu ħajja sostenibbli m'għadhiex aktar għażla imma hi neċessità. Ikun żball jekk nibqgħu nippromwovu stili ta' ħajja jew inkella nippermettu żvilupp li jipperikolaw il-wirt komuni sabiex ma nurtawx l-interessi personali ta' xi individwi jew ta' xi gruppi partikolari.

## Bżonn ta' direzzjoni ċara

F'pajjiż żgħir b'densità ta' popolazzjoni għolja bħal tagħna, l-immaniġġjar tal-ambjent u tar-riżorsi li jġorr miegħu żgur li se joħloq kunflitti ta' interess bejn min irid jaħtaf kemm jiflaħ ħalli jkompli jistagħna, min irid ibill subgħajh biex ma jkunx inqas minn ħaddieħor, u min iħoss li ċerti riżorsi għandhom jitgawdew minn kulħadd. Il-KA tħoss li, fejn jidħlu l-kwistjonijiet ambjentali, pajjiżna jeħtieġlu jiffaċċja dawn il-kunflitti ta' interess bis-serjetà. Saru ħafna studji u nkitbu ħafna rapporti. Saħansitra kellna Strateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli u ċertament li, fuq ħafna affarijiet, għandna idea ċara dwar x'passi għandhom jittieħdu sabiex jinqatgħu l-abbużi u jkun żgurat użu sostenibbli tal-ġid komuni. Madanakollu, fid-diversi livelli ta' amministrazzjoni nsibu nuqqas ta' rieda (u kultant biża') li jittieħdu ċertu deċiżjonijiet favur il-ġid komuni għax dawn jistgħu jmorru kontra l-interessi ta' ċerti individwi jew gruppi. Il-problema hi li dawn l-istess individwi jew gruppi ftit li xejn jagħtu kas tal-interessi ta' min m'għandux aċċess għall-fora fejn jittieħdu deċiżjonijiet importanti.

---

[1] Kummissjoni Ambjent (2007). *Opinjoni dwar Riżorsi Ambjentali.* Kummissjoni Ambjent - Arċidjoċesi ta' Malta. L-1 ta' Ottubru 2007.

Hi xi ftit ironika li, filwaqt li Malta kienet minn ta' quddiem biex tippromwovi l-kunċett ta' Wirt Komuni tal-Umanità[2], meta tiġi għall-ħarsien ta' wirt lokali nsibu predominanza ta' operat fejn l-egoiżmu, il-prepotenza, l-abbuż u n-nuqqas ta' kontabbiltà huma l-elementi prinċipali li jikkaratterizzaw ħafna mid-deċiżjonijiet li jittieħdu fejn jikkonċerna l-użu tar-riżorsi tagħna. Mill-kummenti li spiss jidhru jew jinstemgħu fuq il-*media* jidher ċar li l-poplu Malti xeba' jara t-tnaqqir tal-ispazji miftuħa, il-qerda bl-addoċċ tal-ħlejjaq, in-nuqqas ta' apprezzament ta' bini b'valur storiku u soċjali, u d-degradazzjoni tal-karatteristiċi arkitettoniċi tal-ibliet u l-irħula tagħna. Jeħtieġ li b'mod attiv nimpenjaw ruħna sabiex nibżgħu għal dak li għandna, jiġifieri li pajjiżna jimpenja ruħu li jpoġġi l-iżvilupp sostenibbli bħala prijorità.

**Ir-rwol tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)**

Filwaqt li bi pjaċir tinnota li l-iżvilupp sostenibbli ngħata prominenza fil-livell ta' portafoll ministerjali, il-KA tħoss li għad fadal xi jsir sabiex l-iżvilupp sostenibbli jsir prijorità nazzjonali. Il-KA kienet issuġġeriet li dan jista' jseħħ jekk jitwessgħu r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) b'mod li jibdew jinkludu l-immaniġġjar tar-riżorsi ambjentali u tal-iżvilupp sostenibbli[3]. Dan l-istess suġġeriment kien propost fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli[4] mnedija mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli (NCSD) fl-2006! Il-KA tinnota li kemm din l-istrateġija u kemm il-kummissjoni tħallew imutu mewta naturali.

Impenn lejn l-iżvilupp sostenibbli jitlob li fid-diskussjonijiet li jsiru dwar il-futur ta' Malta, jinżamm bilanċ bejn interessi umani, soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Kif jidher ċar mill-*website* tal-MCESD[5], minkejja li l-indikazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea huma kollha favur li jintlaħaq dan il-bilanċ, jidher ċar li l-MCESD ftit li xejn tagħti importanza lill-konsiderazzjonijiet ambjentali fid-diskussjonijiet tagħha. Id-diskors predominanti hu wieħed prinċipalment ekonomiku u soċjali. Il-kwalità tal-ambjent, ħafna drabi, hi traskurata, bħallikieku wieħed jista' jiżgura kwalità tal-ħajja tajba liċ-ċittadin f'ambjent li hu degradat.

Il-KA tistaqsi: jekk l-għan tal-MCESD hu dak li jagħti pariri lill-Gvern dwar l-iżvilupp ta' pajjiżna, x'qed iżomm lill-awtoritajiet milli jestendu l-mandat tal-MCESD għal dak ta' Kunsill Malti għall-Iżvilupp Sostenibbli u b'hekk l-interessi ambjentali jidħlu b'mod formali fl-aġenda ta' dan il-forum? X'qed iżomm milli tittieħed din id-deċiżjoni? Forsi għad hemm min għadu jħaddan viżjoni antikwata li l-kwalità tal-ambjent u l-iżvilupp ma jistgħux jimxu id f'id? Jew forsi għad hemm min jemmen li konsiderazzjonijiet ambjentali m'għandhomx jinfluwenzaw jew jirregolaw it-tkabbir ekonomiku? Jekk m'hemmx min jaħsibha hekk, għaliex għadha ma ttieħditx din id-deċiżjoni?

---

[2] L-ewwel diskors dwar il-Wirt Komuni tal-Umanità kien sar mir-Rappreżentant Permanenti għal Malta fil-Ġnus Magħquda, Arvid Pardo, fl-1967 meta kien ippropona dan il-kunċett għall-ġid li hemm f'qiegħ il-baħar. Malta kompliet f'din id-direzzjoni meta fit-22 ta' Awwissu 1988, waqt it-43 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, talbet sabiex il-Klima Globali tkun meqjusa u mħarsa għall-ġenerazzjonijiet futuri bħala Wirt Komuni tal-Umanità.

[3] Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (2013). *Elezzjoni Ġenerali 2013: Rakkomandazzjonijiet dwar Għażliet li l-Partiti u l-Poplu jridu jagħmlu fuq l-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli.* Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, Kurja tal-Arċisqof. 27 ta' Jannar 2013.

[4] National Commission for Sustainable Development (2006). *A sustainable development strategy for the Maltese Islands. 2007-2016*. National Commission for Sustainable Development. p. 56.

[5] Ara http://www.mcesd.org.mt/home.aspx

Bħalma qalet drabi oħra, il-KA trid tagħmilha ċara li ma jista' ikun hemm l-ebda żvilupp (jiġifieri bidla għall-aħjar) jekk dan ma jkunx sostenibbli. X'jiswa jekk ikollok flus b'kemm tesa' ġildek (jiġifieri avvanz ekonomiku) u mbagħad tispiċċa tgħix kwalità ta' ħajja inferjuri billi tibla' arja mniġġsa jew tixrob ilma mniġġes jew tikber il-probabbiltà li tmut b'kankru minħabba t-tniġġis ambjentali? Min hu f'sensih qatt ma jista' jaċċetta li dan hu żvilupp. Sfortunatament din il-viżjoni għadha ma xettlitx għeruqha biżżejjed la fil-maġġoranza tal-politiċi tagħna, u wisq anqas fis-soċjetà inġenerali. Il-KA taħseb li huwa għalhekk li l-proposta tagħha (u tal-NCSD) dwar il-MCESD għadha qatt ma kienet diskussa jew ittieħdet bis-serjetà.

**Aċċessibbiltà aħjar għal Għawdex**

Impenn lejn l-iżvilupp sostenibbli jitlob li kull proposta għall-iżvilupp, irrispettivament mid-daqs tagħha, tkun ippjanata u evalwata bir-reqqa sabiex tiżgura titjib fil-kwalità tal-ħajja fuq medda ta' snin. Is-sostenibbiltà tintlaħaq jekk ninvestu f'soluzzjonijiet innovattivi, kreattivi u maħsuba bir-reqqa. Soluzzjonijiet ta' malajr (kif urietna l-istorja u l-esperjenza) għalkemm jindirizzaw il-problema għal ftit żmien biss, iħallu impatti negattivi fuqna li ħafna drabi jkunu irriversibbli. Dan japplika partikolarment fil-kuntest tal-gżira t'Għawdex bl-impenn tagħha li tilħaq "*il-viżjoni ta' gzira ekoloġika* (li) *tħares 'il quddiem lejn futur sostenibbli*"[6].

L-esperjenza u l-istudji li saru[7] juru dubji serji dwar il-benefiċċji ta' ċerti proġetti infrastrutturali kbar li jikkonċernaw it-trasport. Għalkemm hemm evidenza ċara u sinifikanti dwar l-impatt ta' infrastruttura tat-trasport fuq is-saħħa tal-popolazzjoni u l-ambjent, hemm dibattitu kbir fost ir-riċerkaturi dwar il-kontribuzzjoni ta' din l-infrastruttura lill-GDP (Prodott Gross Domestiku) u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Sfortunatament hemm tendenza li proġetti simili jkunu politiċizzati. Minħabba l-interessi intensi ta' nies u gruppi differenti fil-każ ta' proġetti ta' dan it-tip, il-KA tħoss li huwa f'sitwazzjonijiet partikolarment sensittivi bħal dawn li għandha ssir evalwazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni u atteġġjament miftuħ għall-ideat u modi differenti kif tindirizza l-isfidi proposti.

Riċerka fil-qasam ta' proġetti fuq skala kbira fuq l-infrastruttura tat-trasport turi li l-impatt ta' dawn il-proġetti fuq il-lokalitajiet, l-ekonomiji u s-soċjetajiet hu ħafna akbar mill-impatt dirett ta' dawn l-istess proġetti. Meta wieħed jikkonsidra l-ispiża tal-proġett, l-esperjenza ta' proġetti bħal dawn uriet li hemm tendenza li l-analiżi tal-benefiċċji tkun waħda relattivament konservattiva u 'l bogħod ħafna mill-ispiża attwali. (Kien hemm eżempji ta' nefqiet li qabżu l-estimi inizjali bi 80%.) Minbarra hekk, ir-riċerka turi li hemm tendenza li l-konsiderazzjonijiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli kienu limitati ħafna f'rapporti dwar il-vijabbiltà ta' proġetti simili.

Riċentement il-Gvern ippubblika l-intenzjoni tiegħu li jikkummissjona studju dwar il-vijabbiltà għall-kostruzzjoni ta' pont bejn Malta u Għawdex. L-istudju se jsir miċ-China Communications Construction Corporation Limited – kumpanija statali tal-inġinerija u l-kostruzzjoni. Il-KA tħoss li studju bħal dan diffiċli jkun wieħed oġġettiv meta wieħed iqis li ser isir minn kumpanija li hi preġudikata favur l-implimentazzjoni u l-kostruzzjoni ta' proġetti bħal dawn, anke jekk l-istudju ser isir 'b'xejn u mingħajr interessi'. Minbarra dan, studji ta' fattibbiltà ta' proġett bħal dan għandhom, sa mill-bidu nett, jintegraw l-aspetti kollha tal-proġett, inkluż aspetti soċjali u

[6] Ara http://ecogozo.com/index.php?lang=mt

[7] L-aktar xogħol influwenti fost dawn: Flyvbjerg, B.; Bruzelius, N. & Rothengatter, W. (2003). *Megaprojects and risk: An anatomy of ambition*. Cambridge, UK: Cambridge University Press.

IL-KNISJA F'MALTA

ambjentali. Inkella jista' jagħti l-kas li dawn l-istudji jinżammu ostaġġi ta' fattur wieħed biss: jekk il-proġett jagħmilx profitt jew le. Li tingħata l-attenzjoni lill-aspetti ambjentali u soċjali **wara** li l-kunċett tal-proġett ikun żviluppat sew, ħafna drabi, ma twassal għal imkien għax l-awtoritajiet (li jridu jiddeċiedu fuq il-proġett) isibu ruħhom bla ebda poter ta' negozjar biex il-proġett ikun maħsub mill-ġdid.

L-istudju propost dwar il-pont qed isir wara l-pubblikazzjoni, fl-2012, tal-istudju preliminari li sar mill-Mott MacDonald dwar il-vijabbiltà ta' mina bejn Malta u Għawdex[8]. Fir-rapport tagħhom Mott MacDonald sabu li l-mini jkollhom impatt konsiderevoli fuq l-ambjent u l-pajsaġġ u li minkejja li n-nollijiet li jitħallsu għall-użu tal-mina possibilment iħallu xi dħul, dan żgur mhux sa jkopri l-ispejjeż kollha tal-kostruzzjoni. Għalhekk, fondi statali, fondi privati jew potenzjalment fondi mill-Unjoni Ewropea jkollhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-mina. Iċ-ċifri ppreżentati fl-istudju preliminari huma bbażati fuq *case studies* u ma jeħdux inkunsiderazzjoni l-ġeoloġija lokali, ix-xogħol ta' inġinerija u kostruzzjoni fuq l-art meħtieġa sabiex jintrabtu l-portali mal-bqija tat-*Trans-European Transport* (TEN-T) *network*, u (l-aktar aspett importanti) l-ispiża ambjentali u l-impatt fuq il-komunitajiet u l-ekonomija ta' Malta u Għawdex. Dawn huma konsiderazzjonijet li għandhom ikunu parti integrali ta' kwalunkwe studju ta' vijabbiltà ta' proġetti ta' dan il-kobor u impatt.

Skont Mott MacDonald l-ispejjeż tal-kostruzzjoni ta' mina waħda (8.2km jew 9.2km jiddependi fuq l-għażla tar-rotta) jistgħu jvarjaw bejn €156 miljun u €570 miljun. Kollox jiddependi fuq ġeoloġija u t-teknika użata għat-tħaffir. L-ispejjeż annwali (stima bbażata fuq *case studies*) li jkopru l-ispejjeż operattivi, il-manutenzjoni u l-enerġija jammontaw għal bejn €4.5 miljuni u €6.1 miljun. Mott MacDonald jidentifikaw ukoll numru ta' spejjeż li għad iridu jkunu kkalkulati. Dawn jinkludu l-impatt tal-istorbju u t-tniġġis matul u wara l-kostruzzjoni; it-tħarbit sinifikanti li jġarrbu l-pajsaġġ u l-art matul u wara li x-xogħol jitwettaq; l-impatt sinifikanti fuq l-arkeoloġija u l-wirt kulturali, il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, il-ħamrija, l-iskart iġġenerat, l-użu tal-baħar, it-turiżmu u l-użu tal-art.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, wieħed irid iqis ukoll l-impatt li ser ikollu kollegament fiss fuq l-infrastruttura attwali tas-servizz tal-vapuri, li ma jistax jitwaqqaf minħabba raġunijiet ovvji, bħal ngħidu aħna, il-ġarr tal-passiġġieri u ta' oġġetti perikolużi. Diġà sar investiment qawwi fuq it-titjib fit-*terminals* taċ-Ċirkewwa u tal-Imġarr. Ma' dan wieħed irid jikkonsidra l-iżvilupp ta' faċilitajiet bħas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (*Intelligent Transport Systems* - ITS) u telematiċi li jtejbu l-fluss tat-traffiku, jipprovdu informazzjoni f'ħin reali għas-sewwieqa, u jekk ikunu integrati ma' servizzi oħra – bħal dak tat-trasport pubbliku jew/u dak tas-servizz tal-vapuri – itejbu b'mod sinifikanti l-ħinijiet tal-vjaġġi bejn il-gżejjer.

Dawn huma kollha aspetti importanti li jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni meta wieħed jkun qed jesplora links alternattivi bejn il-gżejjer. Alternattivi bħal dawn diġà ġew identifikati fl-istudju ta' Mott MacDonald, u jinkludu titjib fis-servizz tal-vapur. Dawn il-proposti għandhom ikunu evalwati fuq sfond tal-possibbiltà li ma tagħmel xejn, biex hekk ikun żgurat li l-possibbiltajiet tal-impatti jkunu studjati sew.

Ix-xenarji ta' tkabbir imressqa minn Mott MacDonald, irrispettivament mit-tip ta' kollegament fiss, jistgħu jintużaw ukoll għall-proposta tal-pont. Fil-valutazzjoni tagħhom, Mott MacDonald ibassru tkabbir minn 1,500 vettura u 5,500 persuna fl-2010, għal 2,700 vettura fl-2021 u

[8] Mott MacDonald (2012) *Preliminary analysis: Assessment of road tunnel options between Malta and Gozo.* Mott MacDonald, Southampton.

6,400 vettura fl-2051. Dan ifisser li t-traffiku jiżdied b'25%. Din hi żieda pjuttost konsiderevoli fuq l-infrastruttura (li għad mhix iddiżinjata biex tilqa' għal dan l-impatt) u fuq l-ambjent (fl-oqsma, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, li huma identifikati bħala ekoloġikament sensittivi). Fil-każ ta' tbassir ta' tkabbir ogħla, in-numri jikbru għal 3,400 vettura fl-2021 għal 9,200 vettura fl-2051. L-impatt ekonomiku li din iż-żieda fit-traffiku jista' jkollha fuq Għawdex u fuq l-infrastruttura tat-toroq fit-Tramuntana ta' Malta jeħtieġ studju bir-reqqa sabiex ikun iddeterminat b'mod realistiku jekk hemmx verament "benefiċċji" jew le fil-bini ta' pont jew mina bejn il-gżejjer. Il-gżejjer tagħna ma jifilħux li jbatu minn deċiżjonijiet xprunati biss mill-fatt li xi ħadd "jaħseb" li dan il-link ser iħalli impatt pożittiv.

Il-figuri ppreżentati minn Mott MacDonald bħal donnhom aktar jissuġġerixxu li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tas-servizz eżistenti tal-vapur u, kif għedna qabel, reviżjoni ta' teknoloġiji (diġà disponibbli fis-suq) li jtejbu l-kwalità tat-trasport, milli l-kostruzzjoni ta' xi pont jew mina. Amministrazzjoni impenjata lejn żvilupp sostenibbli m'għandhiex tqis biss l-aspetti finanzjarji, imma għandha tagħti prijorità lill-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa taċ-ċittadin, li t-tnejn li huma jsawru l-karatteristiċi tal-gżira Għawdxija.

Għalhekk il-pass l-aktar għaqli hu dak li wieħed jaħdem fuq l-infrastruttura eżistenti tat-trasport sabiex din tkun waħda sostenibbli. Dan jista' jsir billi titjieb l-infrastruttura tat-trasport pubbliku bejn il-gżejjer (li jista' jinkludi servizz aktar effiċjenti u veloċi tal-vapur). Bħalissa l-koordinament bejn is-servizzi tat-trasport pubbliku u l-vapur mhumiex mill-aħjar (għalkemm jinħtieġ isir studju li jiċċara l-perċezzjonijiet dwar is-servizz eżistenti u l-problemi marbutin miegħu) u hemm ftit appoġġ għas-servizzi tat-trasport "personalizzati", bl-eċċezzjoni ta' servizzi tat-*taxi* li t-tariffi tagħhom huma lil hinn mill-mezzi ta' ħafna mill-passiġġieri. Fost miżuri li jistgħu jittieħdu hemm it-twaqqif/titjib ta' servizzi ta' trasport b'tal-linja dedikati u rapidi minn u lejn iċ-Ċirkewwa u l-Imġarr. L-użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) ħalli jimmaniġġja t-traffiku tul it-TEN-T *network* minn u lejn iċ-Ċirkewwa u l-Imġarr għandu jkun ikkunsidrat. Jista' jsir titjib fil-ħinijiet tat-traġitti billi jintużaw varjetà ta' vapuri li joperaw bejn il-gżejjer. Fuq kollox għandhom jinħolqu ambjenti u servizzi ta' kwalità għan-nies li jkunu qed jistennew il-karrozzi tal-linja. B'hekk titjieb b'mod sinifikanti l-kwalità tal-vjaġġ bejn il-gżejjer u jitnaqqas id-dewmien żejjed fit-trasport.

Fi ftit kliem, minħabba n-natura tagħhom, l-impatt ta' proġetti kbar fl-infrastruttura tat-trasport rari jkollhom impatt finanzjaru, soċjali u ambjentali limitat. Proġetti bħal dawn ħafna drabi jġibu bidla li mhux dejjem tkun għall-aħjar u l-impatt tagħhom fuq, fost l-oħrajn, l-użu tal-art, it-tendenzi fl-ivvjaġġar, l-attività ekonomika, u l-pajsaġġi jkun wieħed li jinħass fuq medda ta' żmien. Għalhekk il-KA terġa' tfakkar dak li kien intqal waqt konferenza nazzjonali organizzata mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent meta kien diskuss *L-Iżvilupp t'Għawdex – sfidi u opportunitajiet*[9]:

> *Dwar il-proġett tal-mina jew il-pont bejn Malta u Għawdex inħass il-bżonn li dan il-proġett ikun studjat sew sabiex ma jkunux indirizzati biss miri immedjati. Dan l-istudju għandu jevalwa bir-reqqa x'ser ikun il-prezz ekonomiku (biex jinbena u jkun sostnut), soċjali u ekoloġiku li jkollna nħallsu għalih u x'ser ikun qed irodd lura fil-futur.*

[9] Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (2011) *Biżżejjed għal Kulħadd.* Konferenza Nazzjonali dwar ir-Riżorsi Ambjentali u Żvilupp Sostenibbli f'Malta u Għawdex. 9, 10 u 17 ta' Diċembru 2011.

IL-KNISJA F'MALTA

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li din il-kwistjoni li jinstab mezz ta' trasport effettiv u sostenibbli li jgħaqqad il-gżejjer ta' Malta u t'Għawdex mhix xi ħaġa unika għal pajjiżna. Fl-Unjoni Ewropea hemm għadd ta' stati li għandhom diversi gżejjer fit-territorju nazzjonali tagħhom. Madanakollu, dawn l-istati sabu diversi modi – mhux sempliċiment pont jew mina – biex solvew din il-kwistjoni.

**L-użu aktar għaqli tal-art**

Impenn lejn l-iżvilupp sostenibbli jitlob evalwazzjoni serja u regolari tal-operat tagħna. Dan isir sabiex naraw kemm imxejna fuq il-prinċipji ta' sostenibbiltà u x'miżuri ġodda jeħtieġ li nadottaw sabiex nindirizzaw l-isfidi ġodda li jinqalgħu. Hu importanti li din l-evalwazzjoni ssir b'mod oġġettiv (billi jkun evitat xi trattament preferenzjali tal-interessi ta' xi individwi jew gruppi partikolari) u fl-istess ħin ħolistiku (li jiġbor l-informazzjoni minn diversi sorsi ħalli tinħoloq stampa sħiħa tas-sitwazzjoni).

Fl-2006 il-KA kienet uriet it-tħassib tagħha dwar il-proposta li kienet saret dwar it-tibdil fil-konfini tal-iżvilupp minħabba l-biża' "*li fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat tat-tibdil propost ser jissarraf f'aktar tnaqqir tar-riżorsi ambjentali u naturali ta' pajjiżna*".[10] Filwaqt li kien hemm min qabel ma' dak li qalet il-KA, kien hemm ukoll min qal li ma kienx hemm għaliex wieħed jallarma ruħu. Issa li għaddew seba' snin minn dan l-eżerċizzju wieħed jista' jiddeċiedi jekk dak li wissiet dwaru l-KA kienx thewdin fieragħ jew le. Dan għandu jservi bħala sfond għall-proċess ta' konsultazzjoni pubblika li nediet l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA) dwar ir-reviżjoni tas-seba' pjanijiet lokali. Il-KA terġa' ttenni l-appell tagħha "*lil dawk kollha li jistgħu jkunu involuti … sabiex ipoġġu l-ġid komuni u l-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna bħala l-ewwel prijorità. Din għandha tkun ir-risponsabbiltà ta' kull ċittadin Malti … speċjalment jekk hu Nisrani.*"[10]

Fl-opinjoni tal-KA fil-kuntest ta' Malta – jiġifieri l-ispazju limitat li għandna u l-fatt li għandna 'l fuq minn 72,000 post residenzjali vojt – dan l-eżerċizzju għandu jkun wieħed għaqli u kuraġġuż li jippreserva l-wirt li għandna għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin billi jiżgura l-użu sostenibbli tal-lokalitajiet tagħna. Għalhekk din ir-reviżjoni għandha: (i) tillimita drastikament l-ispazju ssagrifikat għal aktar, hekk imsejjaħ, żvilupp, u ma tikkonsidrax talbiet għall-estensjonijiet tal-linji ta' żvilupp; (ii) tagħmel użu aħjar (u sostenibbli) tal-ispazji u binjiet li diġà hemm fil-lokalità; u (iii) tirranġa anomaliji u affronti għall-iżvilupp sostenibbli li nħolqu matul reviżjonijiet preċedenti fil-pjanijiet lokali eżistenti.

L-importanza ta' dan l-eżerċizzju – li l-impatt tiegħu ser jinħass għal numru ta' snin – titlob li x-xogħol isir bir-reqqa u mingħajr għaġla żejda. L-iskop ta' proċess konsultattiv hu dak li joffri l-opportunità liċ-ċittadini sabiex ikunu parteċipi fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fit-tfassil tal-futur tagħhom. Dan ifisser li proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun sostnut b'kampanja edukattiva li mhux biss tinforma liċ-ċittadini b'dak li qed isir imma tgħinhom jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa sabiex is-sehem tagħhom ikun wieħed iddettat mir-raġuni u l-valuri u fl-interess komuni tal-komunità. It-trasparenza titlob ukoll li, bħalma kien isir qabel, talbiet għal emendi fil-pjani lokali għandhom ikunu ppubblikati flimkien mal-identità ta' min qed jagħmel it-talbiet.

B'dawn is-suġġerimenti il-KA tixtieq tħajjar lill-awtoritajiet u 'l dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-iżvilupp veru (jiġifieri sostenibbli) ta' pajjiżhom sabiex ikunu kreattivi u innovattivi fil-proposti li jagħmlu ħalli jsir l-aħjar u l-aktar użu għaqli tar-riżorsi limitati ta' pajjiżna. Il-KA

[10] Kummissjoni Ambjent (2006) *Stqarrija dwar it-tibdil fil-konfini tal-iżvilupp*. Arċidjoċesi ta' Malta. 8 ta' Ġunju 2006

tinnota b'dispjaċir id-diversi 'skeletri' ta' proġetti mxerrdin madwar pajjiżna li, minkejja l-wegħdiet ta' żvilupp ekonomiku kbir li kellhom joffru lil pajjiżna, illum il-ġurnata sfaw monumenti ta' tifkira (għal min irid jara) tal-prezz qares li jkollna nħallsu meta l-iżvilupp propost ma jkunx sostenibbli. Il-proposta li eks sit tax-*Shipbuilding* fil-Marsa jsir Ċentru Internazzjonali Marittimu hi eżempju ta' kif dak li qed tissuġġerixxi l-KA jista' jsir: jiġifieri li medda art li diġà kienet 'issagrifikata' tintuża sabiex ikunu indirizzati aspetti differenti u innovattivi ta' żvilupp li jwasslu għal tkabbir ekonomiku u għar-riġenerazzjoni tal-lokalità. Ovvjament, wieħed jistenna li t-twettiq tal-proġett jingħata lil dawk il-kumpaniji li jintrabtu li jaħdmu fuq prinċipji ċari ta' sostenibbiltà.

F'dal-kuntest ta' użu aktar għaqli tal-art u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-deċiżjonijiet, il-KA tinnota b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' Segretarjat Parlamentari li hu ffukat sabiex jissimplifika l-proċeduri amministrattivi u t-tneħħija ta' burokrazija żejda li xxekkel l-inizjattiva u teqred il-kreattività. Madanakollu, wieħed irid joqgħod attent li din is-simplifikazzjoni ma tiżviluppax fi llaxkar ta' kontrolli u b'hekk ikunu aġevolati individwi jew assoċjazzjonijiet li tradizzjonalment abbużaw u sfruttaw l-ambjent għad-detriment tal-komunità.

**Sejħiet għall-Espressjoni ta' Interess għal proġetti potenzjalment kbar**

Aspett ieħor li l-KA hi inkwetata serjament fuqu hi l-proċedura li qed tintuża għal proġetti potenzjalment kbar. Qed nirreferu għas-Sejħiet għall-Espressjoni ta' Interess li ħarġu għall-proġett ta' reklamazzjoni tal-art u l-ieħor tal-*cruise liner terminal* f'Għawdex. Il-bażi ta' dan it-tħassib hi li qabel ma nħarġu s-sejħiet inqabżu passi importanti li jiggwidaw il-possibilità ta' żvilupp bħal dan.

Fil-każ tar-reklamazzjoni tal-art, kien sar studju mid-ditta Carl Bro[11] li għadu relevanti għal-lum. Fir-rakkomandazzjonijiet tagħhom, Carl Bro kienu semmew li proġett ta' din ix-xorta jitlob li l-istrateġija ta' kif jintgħażel sit għall-proġett trid l-ewwel teskludi żoni li mhumiex aċċettabbli u mbagħad ikunu identifikati żoni li huma iktar promettenti. B'dan il-mod it-tfittxija għal sit adekwat tkun iktar iffukata u tkun iċċarata x'informazzjoni hemm bżonn tinġabar biex tittieħed id-deċiżjoni. Ir-rapport kien identifika sitt żoni kostali relattivament kbar li fihom ikunu jistgħu jiġu identifikati siti li jistgħu jkollhom potenzjal li jkunu kkunsidrati għar-reklamazzjoni tal-art. Fost ir-rakkomandazzjonijiet ta' Carl Bro nsibu dan:

> *"… dawn is-sitt żoni - jew għall-inqas selezzjoni minnhom - għandhom ikunu investigati f'aktar dettall b'mod parallel ma' studju dwar il-fattibbiltà, qabel tittieħed id-deċiżjoni prinċipali dwar jekk ir-reklamazzjoni tal-art hi realistika għal kuntest Malti. Huwa rakkomandat li l-Gvern għandu jagħmel dawn l-investigazzjonijiet u studji qabel l-involviment tas-settur privat f'proġetti tar-reklamazzjoni tal-art…"* (p.8)

[11] MEPA (2005) *Land Reclamation Study. Project Identification Report*. Carl Bro Intelligent Solutions. Ara http://www.mepa.org.mt/EIACMS/documents/landreclamation/Land%20Reclamation%202005%20Carl%20Bro%20IS.pdf

Ma jidhirx li dan il-proċess, irrakkomandat minn Carl Bro, kien segwit. Ma saru l-ebda studji neċessarji biex ikun definit is-sit preċiż fejn jista' jsir proġett ta' dan it-tip. Studji bħal dawn jinkludu l-evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali li jista' jkollu proġett ta' reklamazzjoni tal-art. Għandha wkoll tkun ikkunsidrata l-alternattiva li ma ssir l-ebda reklamazzjoni. Il-KA tħoss li dan kollu messu sar QABEL ma ħarġet din is-sejħa ħalli b'hekk ikun żgurat jekk hemmx bżonn jew le li ssir reklamazzjoni.

Jgħidu li l-istorja hi l-aqwa għalliema, u għalhekk tajjeb niftakru li fl-2004 u l-2007, kien sar diskors dwar kemm l-ekonomija ta' pajjiżna (b'mod partikolari s-settur turistiku) kienet tieħu spinta 'l quddiem kieku kellna ninvestu f'żewġ korsijiet tal-golf: waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex. In-nuqqas ta' qbil bejn il-partiti politiċi prinċipali kien biss fuq is-siti ta' dawn il-korsijiet. Fid-diversi stqarrijiet politiċi li saru QATT ma kien hemm ġustifikazzjoni riċerkata dwar jekk kienx hemm verament bżonn li pajjiżna jissagrifika meded ta' art għall-golf. Għal grazzja t'Alla, ir-raġuni rebħet … il-korsijiet tal-golf proposti ma sarux … u d-diżastru ekonomiku mbassar baqa' ma wasalx.

Għalhekk il-KA tappella lill-awtoritajiet sabiex jippostponu l-pjanijiet għal dawn il-proġetti ta' reklamazzjoni sakemm ikun hemm studji xjentifiċi u soċjali serji dwar l-vijabbiltà sostenibbli tagħhom. Il-KA tittama li, fil-konsiderazzjonijiet li jsiru dwar dawn il-proġetti, ir-reklamazzjoni tal-art ma titqiesx bħala mezz vijabbli – għalkemm mhux sostenibbli – kif pajjiżna jeħles mill-iskart tal-kostruzzjoni. Pajjiżna diġà ħallas prezz qares bir-rimi mhux sostenibbli ta' dan l-iskart: 80% tal-Magħtab hu skart ta' dan it-tip u r-rimi ta' dan l-iskart fil-barrieri laħaq il-limiti tiegħu. Dan kollu sar - u għadu jsir - minflok ma saru sforzi serji sabiex din l-industrija tagħmel użu sostenibbli tal-ġebla Maltija – riżorsa li qed issir dejjem aktar limitata.

Il-KA tħoss li s-Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess għall-*cruise liner terminal* f'Għawdex, kellha ssir WARA li jsiru l-istudji neċessarji sabiex:

(i) ikun identifikat fejn jista' jsir proġett bħal dan;

(ii) ikunu identifikati l-bżonnijiet preċiżi t'Għawdex rigward it-turizmu tal-*cruise liners*;

(iii) ikun determinat jekk dan it-turizmu hux, b'mod ħolistiku, ta' benefiċċju għal Għawdex;

(iv) ikun determinat liema tip ta' turizmu tal-*cruise liners* (żgħar jew kbar) huwa adattat għal Għawdex; u

(v) jkunu evalwati alternattivi għall-iżvilupp ta' terminal, inkluż bagi adattati.

Studji bħal dawn huma neċessarji għax iwasslu sabiex, jekk ikun determinat li *cruise liner terminal* huwa verament meħtieġ għall-iżvilupp sostenibbli ta' Għawdex, ikun jista' jintgħażel sit adekwat. Is-sit għandu jintgħażel wara li jkunu kkunsidrati siti alternattivi u wara li jkunu identifikati u studjati l-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-iżvilupp u wara li tkun saret konsultazzjoni pubblika. B'dan il-mod il-Gvern ikun fil-pożizzjoni li jfassal il-parametri ċari ta' żvilupp sostenibbli għall-iżviluppaturi prospettivi.

**Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini**

Minkejja li sehem iċ-ċittadin 'komuni' fid-deċiżjonijiet li jittieħdu huwa wieħed limitat, ħafna drabi jkun dan l-istess ċittadin li jkollu jġorr il-piż ta' deċiżjonijiet ħżiena jew ta' immaniġġjar

ħażin. F'dawn l-aħħar ġranet, f'pajjiżna nqalgħet il-kontroversja dwar il-ħsara li saret fil-*hydrolyser tank* fl-impjant ta' Sant'Antnin li wasslet biex ikun hemm *flaring* (ivvampjar) tal-*biogas* prodott fl-istess impjant u għat-tħaddim ta' din il-parti tal-impjant taħt kundizzjonijiet t'emerġenza.

Fl-opinjoni li ħarġet fl-2005 dwar l-Impjant ta' Sant'Antnin[12], il-KA kienet issuġġeriet:

> *li jitwaqqaf bord regolatorju għal dan l-impjant li jkun responsabbli sabiex jissorvelja kull stadju tal-iddisinjar u l-ippjanar, ix-xogħol ta' kostruzzjoni, l-ikkummissjonar tad-diversi faċilitajiet ta' dan l-impjant, li jintlaħqu l-miri kollha fiż-żmien stipulat u mbagħad ikompli jissorvelja l-operat ta' dan l-impjant. Dan il-bord ikun magħmul minn rappreżentanti ta' kull min għandu interess li dan l-impjant jirnexxi. Fost il-membri fuq dan il-bord għandu jkun hemm rappreżentanti tal-WasteServ, tal-MEPA, u tal-komunitajiet tar-reġjun. Dan il-bord:*
>
> - *Ifassal parametri ta' kif għandu jopera dan l-impjant kif ukoll jistabbilixxi 'thresholds' ambjentali (bħall-ammont ta' ċerti gassijiet fl-arja) li jridu jkunu rispettati f'dan l-operat.*
> - *Ikollu s-setgħa li jwaqqaf il-ħidma f'dan l-impjant jekk jinqabżu dawn il-parametri. B'hekk tikber ferm aktar l-'accountability' tal-operaturi ta' dan l-impjant.*
> - *Ikollu r-responsabbiltà li jżomm liċ-ċittadini tal-lokalitajiet konċernati informati b'kollox, u b'mod regolari, speċjalment dwar l-operat tal-impjant.*

Jidher li minkejja li dan il-bord kien twaqqaf, baqa' ma ngħatax ir-responsabbiltajiet u s-setgħat marbutin magħhom biex ikun jista' jiffunzjona kif imsemmi. Tant hu hekk li, per eżempju, il-moniteraġġ *real time* tal-arja beda jsir biss riċentement. Il-KA tħoss li kieku dan il-bord tmexxa fuq il-linji ssuġġeriti, b'ħidmietu kien jipproteġi l-apparat tal-impjant u jagħti aktar setgħa u kontroll lir-residenti tal-lokalità.

Din is-sitwazzjoni sfortunatament sfat politiċizzata. Dan wassal għal ħafna diskors li, filwaqt li forsi jissodisfa l-interess politiku li jintrebaħ l-argument, xorta waħda ma jissodisfax il-bżonn (u d-dritt) taċ-ċittadini li jkunu jafu biċ-ċar il-fatti. Ma nistgħux nippretendu ċittadinanza attiva jekk inżommu liċ-ċittadini fil-għama dwar dak li jkun qed jiġri madwarhom jew, agħar minn hekk, nipprovaw nippreżentawlhom verżjoni partiġġjana tal-verità; u jekk ma nkunux lesti li nagħtuhom aktar sehem fid-deċiżonijiet li jittieħdu, speċjalment jekk huma stess huma milquta minn dawn id-deċiżjonijiet. Biex ikun megħjun dan il-proċess jeħtieġ li l-fatti li jaslu għand iċ-ċittadin komuni jkunu: (i) veri (jiġifieri frott ta' studju oġġettiv), (ii) sħaħ (jiġifieri jagħtu l-istampa kollha tal-kwistjoni) u (iii) sempliċi (jiġifieri ħielsa minn dettalji tekniċi li jitolbu udjenza speċjalizzata biex jinftiehmu). B'hekk biss nistgħu nippromwovu diskussjoni pubblika matura u nitgħallmu mill-iżbalji li jkunu saru.

## Konklużjoni

Għal min irid jiffaċċja r-realtà ta' pajjiżna, l-iżvilupp sostenibbli mhix għażla imma impenn diffiċli li jitlob kuraġġ, dedikazzjoni u rispett lejn il-komunità tal-ħajja. Id-deċiżjonijiet li jkollhom jittieħdu sabiex ikun żgurat dan l-iżvilupp mhux dejjem jinżlu sewwa ma' min ma jarax il-

[12] Kummissjoni Ambjent (2005) *Opinjoni dwar it-Tieni Proposta għall-Iżvilupp fl-Impjant għat-Trattament ta' Skart Solidu ta' Sant'Antnin*. Kunsill Pastorali Djoċesan, Arċidjoċesi ta' Malta. 2 ta' Settembru 2005.

ħtieġa tagħhom jew ma' min jingidem minnhom. Hi ħasra li għad hawn min juri nuqqas ta' maturità u jippolitiċizza kollox jew jagħżel li jgħaddas rasu u jinjora l-fatti anke meta xi ħaġa tkun kontra l-benesseri tiegħu stess (u ta' dawk ta' madwaru).

> *Qed ngħixu fi żmien ta' kriżi; dan narawh fl-ambjent, imma fuq kollox narawh fil-bniedem. Il-persuna umana qiegħda fil-periklu. U l-periklu hu gravi għax il-kawża tal-problema mhix biss kwistjoni ta' ekonomija, imma ta' etika u ta' antropoloġija. Il-Knisja dan għafset fuqu iżjed minn darba; u ħafna jgħidu: "Iva, sew qed tgħid, veru" … imma s-sistema tibqa' għaddejja bħal qabel, għax dak li jiddomina kollox hu d-dinamika ta' ekonomija u ta' sistema finanzjarja nieqsa minn kull etika. Illum mhux il-bniedem li jikkmanda, imma l-flus, il-flus jikkmandaw. U Alla Missierna, il-missjoni li jieħdu ħsieb id-dinja ma tahiex lill-flus, imma lilna: lir-raġel u lill-mara. Aħna għandna din il-ħidma x'nagħmlu! Minflok, qed naraw irġiel u nisa ssagrifikati lill-idoli tal-profitt u tal-konsum: hi l-"kultura tal-iskart".*[13]

L-appell tal-KA hu sabiex pajjiżna jitgħallem mill-passat li ġarrab, u jimpenja ruħu sabiex ikun żgurat ġejjieni sostenibbli, fejn il-kwalità tal-ħajja ma titkejjilx mill-profitti imma mis-sens ta' ġustizzja, mir-rispett lejn il-persuni u l-ħolqien ta' madwarhom u mis-solidarjetà li tħares lejn il-ġid ta' pajjiżna bħala l-wirt li rċevejna aħna u dawk li ġejjin warajna.

---

[13] Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt l-Udjenza Ġenerali tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2013.